EFEE

IL-FEDERAZZJONI EWROPEA TAL-IMPJEGATURI FL-EDUKAZZJONI

IL-KUMITAT EWROPEW TAT-TRADE UNIONS GĦALL-EDUKAZZJONI – COMITE SYNDICAL EUROPEEN DE L'EDUCATION

ETUCE CSEE

**Dikjarazzjoni konġunta tal-ETUCE/EFEE dwar il-**

**Promozzjoni tal-potenzjali tad-Djalogu Soċjali Settorjali Ewropew fl-Edukazzjoni**

L-Imsieħba Soċjali Ewropej fl-Edukazzjoni, l-EFEE (Il-Federazzjoni Ewropea tal-Impjegaturi fl-Edukazzjoni) u l-ETUCE (il-Kumitat Ewropew tat-Trade Unions għall-Edukazzjoni), ħadmu flimkien matul is-snin 2014-2016 fuq il-proġett *"L-Imsieħba Soċjali Settorjali Ewropej fl-Edukazzjoni jippromwovu l-potenzjali tad-djalogu tagħhom permezz tat-trasferiment tal-għarfien u t-taħriġ. Il-bini tal-kapaċitajiet tal-ESSDE II"*. Din il-ħidma hija appoġġjata mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-linja baġitarja Djalogu Soċjali u Relazzjonijiet Industrijali (VS/2015/0032). Impenjati biex itejbu l-kwalità u l-effettività tad-djalogu tagħhom, l-Imsieħba Soċjali Ewropej fl-edukazzjoni użaw l-esperjenza miksuba permezz tal-ewwel proġett konġunt tagħhom fuq il-kwistjoni *"Nippromwovu l-potenzjali tad-djalogu soċjali settorjali Ewropej fl-edukazzjoni billi nindirizzaw l-isfidi l-ġodda u nesploraw l-esperjenza u l-għarfien",* fl-2013-2014.

L-azzjonijiet tal-bini tal-kapaċitajiet konġunti għandhom l-għan li jiżviluppaw djalogu soċjali sod u effiċjenti għall-benefiċċju tal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni kif ukoll għall-benefiċċju tal-istudenti. Filwaqt li jirrikonoxxu l-isfida komuni għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali bbażat fuq sħubija soċjali soda, l-EFEE u l-ETUCE qablu li jiffokaw speċifikament fuq it-titjib tal-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali f'dawk il-pajjiżi bi tradizzjoni aktar dgħajfa ta' djalogu soċjali, u/jew fejn id-djalogu soċjali fl-edukazzjoni kien sottopost dejjem iżjed għal pressjoni minħabba l-kriżi ekonomika.

Fiż-żewġ inizjattivi ta' proġetti, l-EFEE u l-ETUCE rrikonoxxew il-ħtieġa vitali li jippromwovu l-potenzjali tal-ESSDE u li jtejbu iżjed id-djalogu soċjali tagħhom fil-livell Ewropew u nazzjonali bil-għan li:

- **Jtejbu l-għarfien u l-fehim** tal-kunċett tad-Djalogu Soċjali Ewropew, komponent sinifikanti tal-Mudell Soċjali Ewropew; u tal-ispeċifiċitajiet ta' mudelli tad-djalogu soċjali differenti madwar l-Ewropa, ibbażati fuq tradizzjonijiet u kompetenzi nazzjonali;

- **Itejbu r-rappreżentanza** – L-aspettattivi imtejba tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali settorjali Ewropej jiġu mil-leġittimità tal-partijiet involuti fil-proċess li għalhekk jeħtieġu jkunu konsultati,

biex jinnegozjaw il-ftehimiet u jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika u l-liġijiet. L-EFEE u l-ETUCE jkomplu jtejbu l-bilanċ rigward il-livell tar-rappreżentanza fil-Kumitat tal-ESSDE;

- **Itejbu l-komunikazzjoni u l-konnessjonijiet** – It-triq 'il quddiem għad-Djalogu Soċjali fl-Edukazzjoni fil-livell Ewropew tiddependi l-aktar fuq l-abbilità tal-EFEE u l-ETUCE li jżidu l-fluss tal-informazzjoni u l-livell ta' kooperazzjoni bejn il-livell Ewropew u dak nazzjonali. L-imsieħba soċjali huma impenjati biex jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tal-membri nazzjonali tagħhom biex iwasslu l-ħtiġijiet tal-affiljati tagħhom, bil-għan li jiżguraw li t-tħassib rilevanti indirizzat fil-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali Ewropw jirrifletti l-kwistjonijiet nazzjonali;

- **Itejbu l-awtonomija** – Huwa rikonoxxut sew li l-kriżi ekonomika u l-limitazzjonijiet baġitarji f'diversi Stati Membri tal-UE rriżultaw f'żieda fit-tendenza lejn it-teħid ta' deċiżjonijiet unilaterali għad-detriment tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali, b'mod speċjali fis-settur pubbliku. Fi żminijiet ta' sfidi maġġuri għall-Ewropa u għall-Istati Membri tagħha, l-Imsieħba Soċjali Ewropej jaqsmu l-impenn li jwasslu l-prinċipju li djalogu soċjali li jiffunzjona sew huwa l-prerekwiżit biex jiġu ssuperati b'suċċess l-effetti tal-kriżi ekonomika u biex imexxu aktar is-sjieda demokratika tar-riformi u l-miżuri leġiżlattivi li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-edukazzjoni.

L-Imsieħba Soċjali Ewropej fl-Edukazzjoni għalhekk jimpenjaw ruħhom:

- Li jippromwovu aktar il-ħidma tad-Djalogu Soċjali Ewropew b'mod ġenerali, u tal-ESSDE b'mod partikolari, billi jibnu fuq il-progress li sar, billi jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-involviment mal-imsieħba nazzjonali/lokali, billi jtejbu l-għarfien u l-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti, l-iskambju tal-informazzjoni u t-tagħlim bejn il-pari, kif ukoll billi jtejbu l-komunikazzjoni bejn l-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali fl-edukazzjoni;
- Li jużaw l-opportunitajiet tal-proċess Ewropew ta' tnedija mill-ġdid tad-Djalogu Soċjali u tal-Programm ta' Ħidma tal-ESSDE biex itejbu d-djalogu tagħhom u l-kwalità tad-dibattitu, inkluż fil-proċess tas-Semestru Ewropew;
- Li jkomplu jinvolvu l-membri rispettivi tagħhom fl-attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet u l-proġetti li għandhom l-għan:
    - Li jippromwovu d-djalogu soċjali settorjali fl-edukazzjoni fuq il-bażi ta' oġġettivi ċari, fiduċja reċiproka, rispett u kooperazzjoni;
    - Li jinfurzaw il-kopertura u r-rappreżentanza tal-Kumitat tal-ESSDE;
    - Li jikkontribwixxu għat-tisħiħ u l-appoġġ tad-djalogu soċjali nazzjonali u n-negozjati kollettivi fis-settur tal-edukazzjoni;
    - Li jipprovdu kontribuzzjonijiet kostruttivi lid-diversi inizjattivi ta' politika Ewropej li għandhom influwenza fuq is-settur tal-edukazzjoni billi jindirizzaw b'mod konġunt it-temi miftiehma fil-Programm ta' Ħidma tal-ESSDE tal-2016-2017.
- Li jippromwovu attivament din id-dikjarazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jirrispettaw l-istrutturi nazzjonali u reġjonali fis-setturi tal-edukazzjoni.

L-Imsieħba Soċjali Ewropew fl-Edukazzjoni jitolbu wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tgħin l-Istati Membri bl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-djalogu soċjali effettiv fl-edukazzjoni; biex jiġi żgurat l-involviment tal-Imsieħba Soċjali Settorjali (Ewropej) fl-Edukazzjoni fit-tfassil tal-politika fl-edukazzjoni.

Din id-dikjarazzjoni ġiet adottata fil-Laqgħa Plenarja tad-Djalogu Soċjali Settorjali Ewropew fl-Edukazzjoni (ESSDE) tat-8 ta' Novembru 2016.

Brussell, 8 ta' Novembru 2016



Daniel Wisniewski
Segretarju Ġenerali
EFEE



Martin Rømer
Direttur Ewropew
ETUCE

It-test oriġinali huwa bl-Ingliż